MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MIZZI

Seduta tas-27 ta' Lulju, 2007

Numru 635/2007

Il-Pulizija
(Sp Mario Tonna)
vs
Raymond Magro, iben Dominic, imwieled Pieta’ fit-23 ta’ novembru, 1957

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat –
1. talli maturl dawn l-aħħar ġranet, b’diversi atti magħmulin b’risoluzzjoni waħda ġewwa l-Ħamrun, f’diversi ħinijiet differenti uża vjolenza sabiex iġiegħel lil Maria Piscopo tagħmel, tħalli jsiru, jew tonqos milli tagħmel xi ħaġa;
2. talli fl-istess dati, lok, ħinijiet u ċirkostanżi, ħebb għall-istess Maria Piscopo sabiex jinġurjaha, idejjaqha jew jagħmillha ħsara;

3. talli fl-istess dati, lok, ħinijiet u ċirkostanżi ġewwa l-gżejjer maltin hedded lill-istess Maria Piscopo bi kliem;
4. talli fl-istess bnadi, ħinijiet u żminijiet ikkaġuna ġrieħi ta’ natura ħafifa fuq il-persuna ta’ Maria Piscopo, skond kif iċċertifika Dr. Anton Briffa MD taċ-Ċentru tas-Saħħa tal-Floriana.
Il-Qorti ġiet mitluba li f’każ ta’ ħtija tipprovdi għas-sigurta’ ta’ Maria Piscopo u l-familjari tagħha sabiex jinzamm il-bon ordni pubbliku flimkien mal-piena jew minflok il-piena jew minflok il-piena applikabbli għar-reati hawn fuq imsemmija, turbot lill-ħati b’obbligazzjoni tiegħu nnifsu taħt penali ta’ somma flus li tiġi ffisata, kif jidrilha xieraq din il-Qorti.
Il-Qorti ġiet mitluba li toħroġ ordni ta’ protezzjoni favur Maria Piscopo u il-membri tal-familja tagħha.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tas-27 ta’ Lulju, 2007 fejn l-imputat ammetta l-akkużi miġjuba kontra tiegħu.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta’ l-imputat dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 18, 221(1), 251, 338(e) u 339(1)(d) tal-Kodiċi Kriminali. Ma tikkundannahx għal piena karċerarja iżda tilliberah taħt il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta’ Malta bil-kondizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien tlett snin mil-lum. Rat l-artikoli 412C tal-Kodiċi Kriminali u tordna l-ħruġ ta’ Ordni ta’ Protezzjoni biex l-imputat ma jkellimx, jimmolesta jew jikkomunika bi kwalunkwe mezz ma Maria Piscopo jew familjari tagħha għal żmien tlett snin mil-lum taħt penali ta’ elf lira maltin (Lm1,000).

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------